**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 68**

**26 ta' Marzu, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

**Minuti**

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

**68.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**68.1.1** Kulħadd attenda għal laqgħa tal-kunsill, għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' appoloġiji.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**68.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

**68.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2018.**

**68.3.1** Il-Minuti tal-laqgħa pubblika ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

**68.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti;**

Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier E Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier F Roe issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

**68.5 Kors ta' *Online Marketing*;**

**68.5.1** Is-Sindku Max Zammit qal li hemm opportunita' ta' kors ta' *Digital Marketing* u xtaq jara x'interess hemm għalih minn naħa tal-kunsilliera. Huwa qal li din tkun opportunita' biex nikbru bħala kunsill u nkunu iktar aġġornati fid-dinja diġitali li qiegħdin ngħixu fiha illum. Huwa qal li l-ispiża ta' dan il-kors hija ta' 300 Ewro. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti uriet l-interess tagħha f'dan il-kors edukattiv.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għal dan il-kors għandhom jattendu is-Sindku Max Zammit u l-Kunsillier L Cachia Castelletti.

**68.6 Kuntratti li ser jiskadu;**

**68.6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tal-*Accountant* skada u l-kunsill ilu jaħdem bid-*direct order* għal dawn l-aħħar xhur. Il-Kunsill qabel li il-budget għal-dan il-kuntratt għandu jkun ta 6000 Ewro fis-sena. Il-Kunsill qabel ukoll li fin-nuqqas ta komunikazzjoni dwar il-kuntratt tal-manteniment tas-soft areas, it-tender għandu jinħareġ u il-*budget* għalih huwa ta' 15,000 euro fis-sena. Huwa qal ukoll li l-kuntratt tal-kuntratt tal-knis u dak tal-Perit ser jiskadu f'Awwissu.

Il-Kunsill qabel li għandu jibda ix-xogħol fuqhom.

**68.7 Bord ta' aġġudikazzjoni u persuni li ser jiftħu is-sejħiet għal offerti;**

**68.7.1** Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-perit fuq il-bord ta' l-aġġudikazzjoni ma jistax ikun l-istess perit li jkun għamel il-*Bill of Quantities.*

Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-kunsill irid jagħżel żewġ persuni li normalment ikunu *staff* tal-kunsill biex dawn ikunu jistgħu jiftħu t-*tenders* elettronikament.

Il-Kunsill qabel li l-*opening staff* għandhom ikunu Yasmine Tonna u Anna Micallef.

**68.8 Posizzjoni ta' *Assistant Principal*;**

**68.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal ippreżenta r-rakkomandazzjoni tal-bord li għamel l-*interviews* għal-posizzjoni ta' *Assistant Principal*. Il-Bord kien kompost mis-Sindku Max Zammit, mil-Viċi Sindku Ronald Portelli u mil-kunsillier E Muscat. Segretarju fuq il-bord kien is-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm biss applikazzjoni waħda tas-Sinjorina Yasmine Tonna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord huwa favur li l-posizzjoni tinagħta lil Yasmine Tonna.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għaldaqstant is-Sinjorina Yasmine Tonna ser tieħu l-posizzjoni ta' *Assistant Principal.*

**68.9 *Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

**68.9.1** Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita' li jinkera garaxx. Wara li saret diskussjoni, il-kunsill qabel li għandna naraw li jinġiebu prezzijiet għal garaxxijiet fil-viċinanza tal-kunsill.

**68.10 *Rapporti mill-Kunsilliera;***

**68.10.1** Il-Kunsillier F Roe qal li hemm bżonn li nduru x-xatt minħabba li kiber il-ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa jkun qiegħed jiġbed l-attenzjoni tal-kennies peress li dan huwa parti minn xogħlu.

**68.11 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa 27 ta' April, 2018 fit-8.30 ta' filgħodu.**

**68.11.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filagħxija

**Konfermati, illum il-Ġimgħa 27 ta' April, 2018.**

| | |
|---|---|
| __IFFIRMATA | _IFFIRMATA_______ |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |